# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt       Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: 22 ta' Mejju, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2020 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. billi ntqalet it-talba.

**18/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**18/01/01** Ma kienx hemm.

**18/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**18/02/01** **Para 17/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għadna qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**18/02/02** **Para 17/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali.

**18/02/03** **Para 17/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki. Is-Sur Carl Grech qal li sar rikors minn SportMalta kontra Birkirkara Saint Joseph Sports Club.

**18/02/04** **Para 17/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**18/02/05** **Para 17/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jiffinalizza l-applikazzjoni biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund) għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**18/02/06** **Para 17/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl ħa jsiru l-ġimgħa d-dieħla.

**18/02/07** **Para 17/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**18/02/08** **Para 17/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta talbu *site-plan* ta' fejn trid tiġi s-*sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's.

**18/02/09** **Para 17/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**18/02/10** **Para 17/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għal fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**18/02/11** **Para 17/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**18/02/12** **Para 17/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana ser jinstalla 2 CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**18/02/13** **Para 17/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Keep Clear* quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio ħa ssir wara li titlesta triq.

**18/02/14** **Para 17/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' quddiem Apex B fi Vjal ir-Repubblika għadha ma saretx.

**18/02/15** **Para 17/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ tabelli għal Triq Għaxqet l-Għajn illi iwissu minn xi ġebel li jista' jaqa' minn ħajt tas-sejjieħ.

**18/02/16** **Para 17/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' ħdejn il-Fusinu fi Triq Stiefnu Zerafa għadha ma saretx.

**18/02/17** **Para 17/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Vjal ir-Repubblika k/m Triq Vendome għadha ma saretx.

**18/02/18** **Para 17/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jsir *open board* qrib l-Għassa tal-Pulizija.

**18/02/19** **Para 17/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

**18/02/20** **Para 17/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat mera fuq *pole* għal Triq Santa Katerina qrib Quarry 5.

**18/02/21** **Para 17/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex is-sewwieqa jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'il barra fi Triq Fra D. Mifsud saret.

**18/02/22** **Para 17/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna erba' *bins* ġodda għal Triq Għaxqet l-Għajn.

**18/02/23** **Para 17/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna tabella AED (*Automated External Defibrillator*).

**18/02/24** **Para 17/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat żewġ *picnic benches* għat-tfal (Ġnien il-Paċi).

18/02/25 **Para 17/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kemm it-tabella tal-*bye-laws* għal ħdejn Għar San Brinkat kif ukoll it-tabella tal-*bye-laws* dwar il-Ħarsien tal-Pont ta' Wied id-Dis saru.

18/02/26 **Para 17/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat il-ħaddiema mill-kumpanija Bad Boy Cleaners ta' xogħol volontarju li wettqu fil-Għargħur.

18/02/27 **Para 17/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ CCTV *cameras* ħdejn il-latrina pubblika fi Triq San Ġwann.

18/02/28 **Para 17/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi sabiex tkun taf l-ispiża biex isir *bust* tas-Soċju Guido Tanti li għal snin twal serva bħala Superjur fil-Museum tal-Għargħur.

18/02/29 **Para 17/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika sabiex issir statwa ġdida ta' San Bert fuq pedestall fi Triq Mons. Luigi Catania k/m Triq 31 ta' Marzu, Għargħur.

18/02/30 **Para 17/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

18/02/31 **Para 17/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' quddiem Ta' Katarin, fi Triq Dun Karm Fenech, għadha ma saretx.

18/02/32 **Para 17/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Jesmond Aquilina se jirranġa t-tarjola tal-arblu tal-monument tal-pjazza u l-ħabel se jiġi itwal.

18/02/33 **Para 17/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret *crash barrier* fi Triq l-Indipendenza sabiex innaqqsu l-periklu.

18/02/34 **Para 17/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kkuntattjana lil Charlie Mifsud biex jieħu ħsieb it-tisqija.

18/02/35 **Para 17/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kappillan ma aċċettax li ssir *camera* fil-knisja sabiex in-nies ikunu jistgħu jsegwu *live streaming* waqt il-funzjonijiet.

18/02/36 **Para 17/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Pulizija kellmu s-Sid biex ineħħi l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero.

18/02/37 **Para 17/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*webcam* tal-pjazza qeda taħdem.

18/02/38 **Para 17/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabelli biex in-nies isuqu bil-mod waslu.

18/02/39 **Para 17/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx l-istima mingħand il-Micamed biex il-bozoz ta' Triq San Bartilmew isiru LED.

18/02/40 **Para 17/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza (S04424) li qeda fi Triq Caravaggio issewwiet.

**18/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18/03/01 Ma kienx hemm.

**18/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

18/04/01 Ma kienx hemm.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**18/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**18/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' April 2020).

**18/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' April 2020).

**18/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li joqgħod fi Triq Caravaggio. Peress li bħalissa qed isiru xogħlijiet fit-triq, xi nies mhux qed jipparkjaw kif suppost u qed jostakolaw il-garaxx tiegħu. Is-SE qalet li f'dawn il-każijiet ir-resident għandu jċempel l-Għassa.

**18/05/04** Ġiet innutata korrispondenza minn TM sabiex titneħħa l-1.5 *Keep Clear Bay* ta' numru 17, Triq San Bartilmew.

**18/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' April 2020).

**18/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Mejju 2020).

**18/05/07** Fuq it-talba għal *double yellow lines* quddiem il-bieb tad-dar numru 3, fi Triq Ferdinandu peress li ma hemmx bankina. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/08** Ġiet innutata korrispondenza minn TM fejn ġejna infurmati li *zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew tista' tiġi ixxiftjatha.

**18/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Ċir AKL 2020/049 Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna. Is-Sindku proponiet l-għeluq ta' Misraħ il-Knisja nhar ta' Ħadd. Min-naħa l-oħra, is-Sur Abraham Aquilina qal li jkun aħjar jekk ma jkunx magħluq waqt il-ħin tal-quddies. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa sabiex fil-każ jingħalaq il-Ħadd filgħaxija, speċjalment fis-Sajf u biex fi tmiem il-ġimgħa nagħlqu Triq Għaxqet l-Għajn fuq iż-żewġ naħat. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/10** Fuq it-talba għal *bollards* ġodda ħdejn żvilupp fil-kantuniera ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Mejju 2020).

**18/05/12** Is-Sindku resqet talba għal *sleeping police* fi Triq Stiefnu Zerafa, Triq l-Indipendenza u Triq San Bartilmew. Fuq l-*sleeping police* ta' Triq Stiefnu Zerafa, is-Sur Christopher Fenech qal li ma jridiex għalih. Ġie deċiż li nsaqsu lir-residenti jekk iriduhomx. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/13** Ilment fuq il-ħmieġ li qiegħed ikun hemm Triq Għaxqet l-Għajn speċjalment nhar ta' Tnejn. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-iktar li jkun hemm ħmieġ mal-art imma l-*bins* ma jkunux mimlija. Is-Sur Abraham Aquilina qal li xi snin ilu kien sar arranġament mal-McDonalds biex is-Sur Ronnie Gauci nhar ta' Ħadd ibattal il-bins ta' Triq Għaxqet l-Għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tistaqsi lis-Sur Gauci fuq dan l-arranġament u kuljum ser tibda tibgħat ħaddiem biex inaddaf.

**18/05/14** Is-Sindku resqet talba sabiex Triq Dun Karm Vella tiġi *one-way* (tinżel minn Triq 31 ta' Marzu). Is-Sur Abraham Aquilina qal li rridu noqgħodu attenti peress li parti minn Triq il-Ġnien hija *two-way.* Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nibagħtu ittra lir-residenti ta' din it-triq biex naraw jekk jaqblux. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/15** Is-Sindku resqet talba għal bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' *searchlight battery*). Kien hemm qbil unanimu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**18/05/16** Fuq it-talba ta' residenta biex issir mera fi Triq ix-Xwieki k/m Triq Gaspare Formica u fi Triq l-Isqof Gaffiero k/m Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel li aħjar issir *site-visit* wara li jiġi implimentat l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Xwieki.

**18/05/17** Fuq it-talba ta' resident biex issir mera fil-*junction* tal-Ferħa. Il-Kunsill qabel li aħjar issir *site-visit* wara li jiġi implimentat l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Xwieki.

**18/05/18** Fuq it-talba ta' resident biex Triq l-Isqof Gargallo tiġi *one-way except for residents.* Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**18/05/19** Is-Sindku resqet sabiex jingħata konkos fi sqaq fi Triq tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/20** Fuq it-talba ta' resident biex isiru żewġ tabelli *no heavy vehicles* fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/21** Fuq it-talba ta' resident biex isiru xi pjanti fuq ir-*roundabout* il-baxxa ta' Triq Dun S. Zarb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din ir-*roundabout* qeda baxxa apposta sabiex vetturi kbar ikunu jistgħu jgħaddu minn fuqha.

**18/05/22** Is-Sinjura Marilena Hassan qalet li *dog bins* għandhom bżonn jinħaslu iktar ta' spiss. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/23** Is-Sinjura Marilena Hassan qalet li hemm ħafna ħaxix ħażin fi sqaq wara t-Torri ta' Semaforu. L-isqaq jagħmel man-Naxxar, għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma l-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**18/05/24** Is-Sur Carl Grech qal li kellem lil Ministru Dr Ian Borg fuq il-problema ta' uħud mill-bankini ta' Triq Caravaggio. Dr Ian Borg għadda l-ilment lil Kap tal-Infrastructure Malta. Is-Sindku qalet li hija wkoll għamlet ħafna telefonati kif ukoll iltaqgħet mar-residenti.

**18/05/25** Is-Sur Abraham Aquilina qal li s-Sur Frans Bezzina għandu bżonn jaqta' l-ħaxix apparti jiknes. Kien hemm qbil unanimu.

**18/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina qal li Transient Ltd għandhom sistema ta' dawl li biha nistgħu nixgħelu parti sostanzjali mit-Torri tas-Semaforu permezz ta' żewġ tubi li jibdlu l-kuluri. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk ser nixgħelu t-torri dan għandu jixgħel minn fuq s'isfel u biex forsi nixgħelu parti mill-binja tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li nġibu stima mingħand Transient Ltd.

**18/05/27** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir bħal *shelter* għal qtates fi Triq Għaxqet l-Għajn. Dan is-*shelter* ikun magħluq b'*wire* u jkun hemm bieba. Hu ssuġġerixxa li l-*cat feeders* jieħdu ħsiebu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt magħhom ħa tara jekk jaqblux.

**18/05/28** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet sejħa – *Tender for the leasing of one (1) low emission self-drive 5-seater vehicle by the Ħal Għargħur Local Council.* Din is-sejħa tagħlaq fit-22 ta' Ġunju.

**18/05/29** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser toħroġ sejħa għal knis tat-toroq. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li mal-lista nżidu Triq Għar San Brinkat. Kien hemm qbil unanimu.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**18/05/30** Is-Sur Christopher Fenech qal li saret laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia riġward l-inċeneratur tal-Magħtab. Huwa qal li l-Ministru spjega fid-dettall kif ser jaħdem dan il-proġett u l-benefiċċji tiegħu. Fl-istess laqgħa s-Sur Fenech talab lil Ministru jgħinna biex inwettqu l-proġett ta' tisbiħ tal-Lanċiritka kif ukoll Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*. Il-Ministru Farrugia aċċetta li jgħinna. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit u wara nistiednu lil Ministru biex jagħmel *site-visit*.

**18/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**18/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**18/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**18/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**